MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 65/2001/1

**Mary Camilleri**

**v.**

**Joseph Caruana Company Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fil-25 ta’ Novembru 2004. L-appellanti, Mary Camilleri,

qeghda titlob ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza billi tilqa’ t-talba taghha u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata, jew alternattivament li din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi tiddikjara illi l-appellanti hija biss responsabbli ghad-dejn li ghamel zewgha sal-limitu tas-sehem taghha mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u mhux ukoll mill-beni parafernali taghha.

2. Permezz ta’ att ta’ citazzjoni pprezentat fil-20 ta’ Lulju 2001, quddiem il- Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, Mary Camilleri qalet u talbet hekk:

“Peress illi s-socjeta` konvenuta istitwiet kawza kontra zewgha Angelo Camilleri u kontra taghha, fl-ismijiet Joseph Caruana Company Limited vs Angelo Camilleri et. (Citaz. 61/01), sabiex l-attrici tigi kkundannata flimkien ma’ zewgha li thallas is-somma ta’ tlett elef mija u hamsa u sittin liri Maltin u sitta u sittin centezimi (Lm 3,165.66), liema kawza tinsab appuntata ghal ewwel smigh taghha ghad-9 ta’ Ottobru 2001;

“Peress illi dan id-dejn sar minghajr il-kunsens u konoxxenza ta' l-attrici u fi zmien meta r-relazzjonijiet matrimonjali bejn il-attrici u zewgha kienu mkissrin ghall-ahhar;

“Peress illi d-dejn li sar minn zewgha mas-socjeta` Joseph Caruana Company Limited ma sarx fl-interess tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew biex igib il-quddiem l-istess komunjoni jew ghall-htigijiet tal-familja, liema htigijiet zewgha qatt ma haseb fihom jew ikkontribwixxa jew ghinha bil-mezzi tieghu anzi kisser u gab rovina shiha fil-familja tieghu;

“Peress illi kontestwalment ma’ din il-kawza, l-attrici pprezentat kawza ohra kontra zewgha sabiex fost talbiet ohra huwa jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-hlas tad-djun kollha li ghamel ma’ terzi, inkluz kull dejn li sar mas-socjeta` Joseph Caruana Company Limited, u biex

jaghmel tajjeb ghad-danni li garrbet l-attrici u wliedha minhabba dan id-dejn;

“Peress illi l-attrici m’ghandhiex tigi tenuta thallas dejn li ghamel zewgha ghall-kapricci tieghu, fl-interess uniku u esklussiv tieghu, u mingharj il-kunsens jew konoxxenza taghha, u wisq aktar li dan id-dejn jigi saldat minn fuq il-bejgh ta’ proprjeta` parafernali ta' l-istess attrici kif qeghdin jippruvaw jaghmlu krendituri ohra ta’ zewgha;

“Ighid ghaldaqstant inti konvenut il-ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-attrici mhijiex responsabbli ghad-dejn li kien ghamel zewgha mas-socjeta` konvenuta, liema dejn ma sarx fl-interess tal-komunjoni ta' l-akkwisti u wisq anqas taghha izda li kien sar minn zewgha fl-interess uniku u esklussiv tieghu u minghajr il-kunsens u konoxxenza tal-attrici, u li minn dan id-dejn ma hadet ebda beneficcju l-attrici jew il-familja.”

Permezz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, prezentata fl-20 ta’ Awissu 2001, is-socjeta` konvenuta eccepiet hekk:

"1. In linea preliminari, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *ratione valoris.* Ai termini tal-artikolu 47 tal-Kap. 12 kif emendat bis-saħħa tal-artikolu 36 tal-Att VI. 2001, talbiet illi huma ta' valur ta' anqas minn ħamest elef lira maltija (Lm5,000) huma ta' kompetenza tal-Qrati inferjuri u mhux dawk superjuri .

"2. Illi wkoll in linea preliminari, u minghajr preġudizzju għas-suespost, din il-kawża odjerna hija intempestiva, frivola u vessatorja . Dan għaliex fil-mument illi ġiet preżentata din il-kawża, il-konvenuta kellha kull opportunita` illi tikkontesta t-talbiet tal-esponenti billi tintavola u tippreżenta l-eċċezzjonijiet relativi fil-kawża Citaz. 61/01 ċitata minnha stess, mingħajr il-ħtieġa li tippreżenta kawża oħra *ad hoc.* L-attriċi odjerna ażżardat tippreżenta l-kawża odjerna unikament u esklussivament għaliex hija laħqet ingħatat il-beneficcju tal-għajnuna legali minn din l-Onorabbli Qorti u qegħda ssibha komda

tabbuża minn dak il-benefiċċju billi tippreżenta kawżi bl-addoċċ għaliex mingħaliha illi qatt ma hija ser tkun tenuta tħallas l-ispejjez tal-kawżi preżentati minnha .

"3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi. Qabel xejn, jiġi rilevat illi s-soċjeta` eċċipjenti hija totalment estranea għall-kwistjonijiet, veri jew ivvintati illi jistgħu talvolta jeżistu bejn l-attriċi u żewġha. Is-soċjeta` eċċipjenti aġixxiet in bona fede meta hija biegħet u kkonsenjat merkanzija lir-raġel tal-attriċi għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu, u ċertament illi ma għandhiex tiċċaħħad mid-dritt illi titħallas il-prezz tal-merkanzija illi hija hekk ikkonsenjat minħabba xi diverġeenzi illi jistghu talvolta jeżistu bejn il-konjuġi Camilleri .

"4. Illi inoltre l-att ta' xiri ta' merkanzija da parti ta' Angelo Camilleri ma kienx xi att ta' amministrazzjoni straordinarja ai termini tal-artikolu 1322(2) tal-Kodiċi Ċivili. Għall-kuntrarju n-negozju ġuridiku bejn is-soċjeta` eċċipjenti u Angelo Camilleri kienu atti ta' mera amministrazzjoni ordinarja sia għaliex dawn kienu intimament konnessi mal-kummerċ negozju jew professjoni illi Angelo Camilleri, bil-kunsens pien u bl-adeżjoni ta' martu kien qed jiġġestixxi, kif ukoll għaliex il-valur tal-oġġetti mixtrija mill-istess Angelo Camilleri ma kienx xi wieħed straordinarju (tant illi illum il-valur jaqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti Inferjuri a distinzjoni tal-Qrati Superjuri) .

"5. Illi finalment, l-artikolu 1326 tal-Kap. 16 jagħmilha ċara illi meta si tratta minn atti li jkunu dwar proprjeta` mobbli, dawn jistgħu jiġu annullati biss meta l-jeddijiet ikunu ingħataw b'titolu gratuwitu, u ċertament illi mhux il-każ illi l-kreditu tas-soċjeta` eċċipjenti twieled minn xi att gratuwitu da parti ta' Angelo Camilleri .

"6. Illi bir-rispett kollu huwa sottomess illi l-attriċi odjerna hija kompliċi fil-frodi illi qed jipprova jikkommetti żewġha u issa illi dan qed jiffaċċja diffikoltajiet finanzjarji (veri jew immaġinarji), qed tipprova teludi u tevadi d-drittijiet

leġittimi tal-kredituri tiegħu u tagħha billi tippreżenta kawżi bl-addoċċ proprju għaliex hija qegħda fil-preżent tgawdi mill-benefiċċju tal-għajnuna legali .

"7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

**Is-sentenza appellata**

3. Kif inghad, permezz ta’ sentenza moghtija fil-25 ta’ Novembru 2004, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, cahdet it-talbiet attrici u kkonsiderat illi n-negozju li sar mir-ragel ta' l-attrici *“ma jistax’ ma jitqiesx hlief bhala wiehed ta’ amminstrazzjoni ordinarja, u ghalhekk jorbot il-komunjoni tal-akkwisti.”* Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti;

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits u dokumenti esebiti, sew f'din il-kawża kif ukoll fil-kawża konnessa cit. nru. 61/2001 fl-ismijiet : "Joseph Caruana Company Limited vs Angelo Camileri et.", quddiem din il-Qorti wkoll;

"Ikkunsidrat;

"Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni minn din ill-Qorti li hija ma hix responsabbli għad-dejn li kien inkorra żewġha mas-soċjeta' konvenuta. Hija ssostni illi dan id-dejn ma sarx fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti u wisq anqas tagħha, iżda sar minn żewġha fl-interess uniku u esklussiv tiegħu, mingħajr il-kunsens u konoxxenza tagħha. Tikkontendi wkoll illi minn dan id-dejn la hija u lanqas il-familja tagħha ma ħadu ebda beneficcju.

"Għal din it-talba s-soċjeta` konvenuta eċċepiet preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*, billi l-ammont involut ma jeċċidix il-ħamest elf lira maltija (Lm5000). Huwa minnu illi permezz ta' l-Att VI tal-2001 li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2001, kawżi li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-ħamest elef lira maltija (Lm5000)

huma ta' kompetenza inferjuri. Imma, fil-każ in eżami, apparti l-fatt illi ma jidhirx li s-soċjeta' konvenuta baqgħet issotni din l-eċċezzjoni, u lanqas fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha ma hemm ebda referenza għaliha, kif tajjeb tgħid il-konvenuta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha, din il-kawża saret fit-termini tad-dispożizzjonijiet dwar il-Komunjoni ta' l-Akkwisti taħt is-subtitlu III tat-Titlu V tat-Tieni Parti tal-Kodici Ċivili, u għalhekk billi l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni li hija mhix responsabli għad-djun ta' żewġha, it-talba għandha titqies bħala ta' valur indeterminabbli, a tenur ta' l-artikolu 747 tal-Kap. 12, fejn allura tkun kompetenti din il-Qorti u mhux dik inferjuri.  Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda .

"Fil-mertu s-soċjeta` konvenuta eċċepiet illi hija għal kollox estraneja għall-kwistjonijiet li seta' kien hemm bejn l-attriċi u żewġha.  In oltre ix-xiri tal-merkanzija da parti ta' żewġha ma kienx xi att ta' amministrazjoni straordinarja, u lanqas ma oriġina minn xi att gratuwitu da parti ta' żewġha, fejn allura anke f'każ ta' mobbli jista' jiġi annullat.

"Minn dak li xehdet l-attriċi rriżulta illi hija ilha għal xi żmien b'relazzjonijiet ħżiena ma' żewġha, Angelo Camilleri .  Dan fil-fatt illum abbandunaha biex mar joqgħod ma' mara oħra. Infatti saru wkoll proċeduri quddiem din l-istess Qorti għas-separazzjoni. Fiż-żmien li sar in-negozju mas-soċjeta` konvenuta, żewġha, għalkemm kien għadu jirrisjedi mal-familja tiegħu, lil martu ma kien juriha xejn bix-xiri, dejn jew qliegħ li seta' kien qed jagħmel.  Hija ma kellha ebda kontroll la fuq dak li kien joħroġ u wisq anqas fuq dak li jdaħħal.  Il-posta tiegħu ma kienitx tiftahielu u allura ma setgħetx tkun taf x'fiha, u x'kontijiet ikunu qed jintbagħtu.  Bdiet tirrealizza bil-ħafna djun li kien irnexxielu jagħmel żewġha meta dan abbandunaha u l-kredituri bdew iħabbtulha l-bieb tad-dar wieħed wieħed  ifittxu li jitħallsu .

"Il-Qorti tissimpatizza ħafna mas-sitwazzjoni prekarja li spiċċat fiha l-attriċi u l-familja tagħha.  Imma żgur li huwa apprezzat illi f'dan il-forum hija marbuta li tapplika biss il-liġi.  Billi meta sar id-dejn in kwistjoni ma kienitx għadha ġiet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn l-attriċi u

żewġha[1] u lanqas kien jopera r-reġim tas-separazzjoni tal-beni bejniethom, kien għadu neċessarjament japplika l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attriċi u żewġha.

"Irriżulta illi d-debitu li għamel Angelo Camilleri mas-soċjeta` konvenuta kollu jirrigwarda materjal li għandu x'jaqsam max-xogħol li dan kellu bħala bajjad u kaħħal, u li huwa xtara f'diversi okkażjonijiet matul perijodu mifrux fuq ħames xhur[2]. Kif tajjeb tirrileva s-soċjeta` konvenuta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha, dan in-negozju ma jistax ma jitqiesx ħlief bħala wieħed ta' amministrazzjoni ordinarja[3], u għalhekk jorbot il-komunjoni ta' l-akkwisti[4]. Jista' jkun minnu illi fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom l-attriċi, hija ma kienet tingħata ebda spjegazzjoni minn żewġha dwar ix-xogħol tiegħu u għalhekk ftit li xejn seta' talab jew kiseb il-kunsens tagħha għal dak li kien qed jixtri. Madankollu xorta waħda dan in- negozju ma jistgħax jiġi annulat fil-konfront ta' l-attriċi. Fil-każ ta' mobbli, bħal ma għandna fil-każ in eżami, il-liġi tippermetti dan biss f'każ ta' xi att gratuwitu magħmul minn parti waħda għaż-żwieġ mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra[5]. L-unika rimedju li jibqagħla l-attriċi f'sitwazzjoni bħal din hija li tieħu azzjoni kontra żewġha ħalli jerġa' jirre-integra l-komunjoni ta' l-akkwisti jew jagħmlilha tajjeb għad-danni li qed iġġarrab konsegwenza ta' l-aġir tiegħu[6], haġa li jidher illi l-attriċi ġia għamlet bil-kawża li ntavolat kontra żewġha għal dan il-fini.

## <u>L-appell ta’ l-attrici Mary Camilleri</u>

4. B’rikors ipprezentat fil-15 ta’ Dicembru 2004, l-attrici appellat minn din is-sentenza. L-appell huwa ccentrat fuq aggravju wiehed li bih l-appellanti qeghda tissottometti illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkjarifika l-posizzjoni taghha fis-sens illi skond l-appellanti l-ewwel Qorti kellha

---

[1] Art. 62 A tal-Kap. 16.
[2] Aa depożizzjoni ta' Dr. Michael Caruana tat-18.11.2003 a fol. 30 - 34 tal-process tal-kawza cit. 61/2001 fuq imsemmija; ara wkoll statement Dok. MC 1 esebit fl-istess data a fol. 36 - 39 ta' dak il-process.
[3] Art. 1324 tal-Kap. 16.
[4] Anthony sive Ninu Frendo vs Angelo Zahra pro et noe. Appell : 31.1.2003.
[5] art. 1326 (i) tal-Kap. 16 .
[6] art. 1326 (5) tal-Kap. 16 . .

tiddikjara jekk il-attrici appellanti hijiex responsabbli *in solidum* ma' zewgha ghad-dejn li huwa ghamel jew jekk hijiex responsabbli sal-limitu tas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-appellanti taghmel wkoll referenza ghal Artikolu 1330 tal-Kodici Civili illi l-kredituri ta' komunjoni ma jistghux jinfurzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li ma tkunx il-parti li holqot id-dejn. Mill-banda l-ohra, is-socjeta\` appellata, fir-risposta taghha, apparti hafna referenzi u alluzjonijiet ghall-fatt li l-appellanti nghatat, skond l-appellata, il-beneficcju ta' l-ghajnuna legali meta ma kienx jisthoqqilha u li allura qed taghmel kawzi inutili ghax tista' hekk taghmilhom "b'xejn", u li l-azzjoni kienet wahda intempestiva, tishaq fuq il-fatt li t-talba attrici, kif migjuba fic-citazzjoni, kienet dik li kienet – cioe\` redatta f'termini limitatissimi. Is-socjeta\` appellata a propositu tghid hekk: *"Imkien ma talbet xi dikjarazzjoni fis-sens li issa qeghda tintalab – cioe\` illi hija responsabbli ghad-dejn li ghamel zewgha biss sal-limitu tas-sehem taghha mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn l-istess zewgha, jew li l-beni parafernali taghha ma ghandhomx jaghmlu tajjeb ghad-debiti tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-appellanti u zewgha. Kontra din it-talba japplikaw il-principji tal-untra petita u extra petita, u huwa sottomess bir-rispett li mhux permess lill-attrici illi f'dan l-istadju ta' appell tqajjem jew titlob dikjarazzjonijiet li mhumiex inkluzi fic-citazzjoni originali taghha."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Illi l-ewwelnett din il-Qorti se tirreferi ghal att promotorju ta' din il-kawza u ghat-talba illi ghamlet il-attrici. It-talba ta' l-attrici, kif intavolata, tghid testwalment:

*"tiddikjara li l-attrici mihiex responsabbli ghad-dejn li kien ghamel zewgha mas-socjeta\` konvenuta, liema dejn ma sarx fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti u wisq anqas taghha izda li kien sar minn zewgha fl-interess uniku tieghu u minghajr il-kunsens u konoxxenza tal-attrici, u li minn dan id-dejn ma hadet ebda beneficcju l-attrici jew il-familja."*

B’din it-talba l-attrici talbet lill-ewwel Qorti biex jigi ddikjarat illi hi mhix responsabbli ghad-dejn li ghamel zewgha. Anke jekk din it-talba ma tinkorporax espressament dak li qeghda tispecifika issa l-appellanti, fil-fatt ir-referenza ghall-beni parafernali u ghar-responsabbilta` taghha ghad-dejn in kwantu jista’ jintalab hlas minn tali beni parafernali hija implicita f’dik it-talba kif migjuba fic-citazzjoni. Fi kliem iehor, l-aggravju taghha f’dana l-appell huwa konsegwenza naturali anke tat-talba kif originarjament dedotta u li l-ewwel Qorti kellha tasal ghaliha meta kkonsiderat il-fatti ta’ din il-kawza. Ghalhekk f’dan il-kaz ma tqum ebda kwistjoni ta’ *ultra* jew *extra petita* kif qed tissuggerixxi s-socjeta` appellata.

6. Fl-ewwel lok ghandha tigi kkonsiderata s-sitwazzjoni tal-appellanti. Irrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti illi s-separazzjoni gudizzjarja giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fis-27 ta’ Lulju, 2004[7]. Ghalhekk minhabba l-fatt illi d-dejn mertu ta’ din il-istanza sar fis-sena 2000, u illi ghalhekk ma kienitx ghadha giet ippronunzjata s-separazzjoni personali, kienet ghadha fis-sehh il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-appellanti u zewgha. Minhabba l-fatt li hawn si tratta ta’ dejn illi sar minn Angelo Camilleri waqt illi l-partijiet kienu ghadhom mizzewgin u li dan id-dejn sar minn Angelo Camilleri waqt li kien qieghed jigestixxi n-negozju tieghu, ghandhom jigu konsiderati zewg affarijiet. L-ewwelnett, minhabba l-fatt illi z-zwieg kien ghadu effettiv dan kien soggett ghar-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk il-Qorti ghandha tikkonsidra jekk dejn rizultanti minn negozju hux ikkonsiderat mill-ligi bhala att ta’ amminstrazzjoni straordinarja -- fejn hemm bzonn il-kunsens taz-zewg partijiet sabiex jitwettaq -- jew jekk huwiex konsiderat bhala att ta’ amminstrazzjoni ordinarja fejn ma hemmx bzonn il-kunsens taz-zewg partijiet.

L-Artikolu 1322(3) tal-Kap. 16 jelenka dawk il-atti illi ghandhom jigu konsiderati bhala atti ta’ amminstrazzjoni straordinarja. Dawn huma:-

[7] Ara l-kopja ta’ dik is-sentenza ezibita fl-atti.

*“(a) atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati, mahluqa jew trasferiti;*

*(b) atti li joholqu jew jolqtu l-ipoteka ta’ beni;*

*(c) atti fejn ikun hemm qsim ta’ beni;*

*(d) atti li jaghtu jedd ta’ uzu u, jew, tgawdija ta’ proprjetà immobbli;*

*(e) donazzjonijiet barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 1753;*

*(f) li tissellef jew tislef flus, barra minn depozitu ta’ flus f’kont f’bank;*

*(g) l-akkwist ta’ proprjetà mobbli jew ta’ xi jedd ta’ uzu jew tgawdija ta’ xi proprjetà mobbli jew immobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel:*

*Izda dan ma japplikax ghal xi dejn maghmul ghall-htigijiet tal-familja skond il-paragrafu (c) ta’ l-Artikolu 1327, jew ghall-kiri ta’ mobbli jew immobbli meta l-prezz tieghu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun ghal zmien qasir;*

*(h) il-kuntratt ghal xi garanzija;*

*(i) l-ghoti ta’ plegg;*

*(j) is-shubija b’responsabbiltà mhux limitata f’socjetà kummercjali, jew is-sottoskrizzjoni ghal xi ishma li ma jkunux imhallsa kollha jew l-akkwist taghhom f’socjetà b’responsabbiltà limitata;*

*(k) it-trasferiment ta’ negozju kif ukoll it-trasferiment ta’ xi sehem f’socjetà kummercjali barra minn kumpannija pubblika;*

*(l) kull att li johloq privilegg specjali skond il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 2010; u*

*(m) kull att ta' rexissjoni ta' xi att imsemmi fil-paragrafi (a) u (c) ta' dan is-subartikolu, u kull att ta' dikjarazzjoni maghmula inter vivos li permezz taghha jigi rikonoxxut jew rinunzjat xi jedd fuq beni immobbli."*

Ghalhekk kull att iehor illi ma jaqax taht din il-lista ghandu jigi konsiderat bhala att ta' amminstrazzjoni ordinarja. Il-mertu ta' din il-kawza, ossia dejn illi jirrizulta minn negozju li qed jigi effettwat minn parti wahda fiz-zwieg, mhux biss mhuwiex elenkat bhala wiehed mill-atti ta' amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk ghandu jigi konsiderat bhala att ta' amminstrazzjoni ordinarja izda din is-sitwazzjoni hija kontemplata fl-Artikolu 1324 tal-istess Kodici, illi jipprovdi hekk:

*"Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja."*

Sabiex jigi deciz jekk id-dejn li qed jigi kkontestat mill-appellanti jaqax fl-ambitu ta' din id-disposizzjoni, il-Qorti ghandha tikkonsidra kif gie interpretat l-imsemmi artikolu u partikolarment il-kliem "atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni". Din il-Qorti, kif dak iz-zmien komposta, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Ottubru 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Grazio Patiniott et v. Anthony Cini et** qalet hekk:

"L-Artikolu 1324 ma japplikax ghal kull att tal-kummerc kif definit mill-Kodici tal-Kummerc. Kien japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun qed tezercita kummerc, negozju jew professjoni bhala attivita` ekonomika u li fiha l-kontrattazzjoni taht ezami setghet tinkwadra ruhha bhala att normali tal-gestjoni taghha."

Issa, irrizulta kjarament mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti illi d-dejn ikkontestat mill-appellanti ghandu x’jaqsam proprju max-xoghol ta’ Angelo Camilleri, li dak iz-zmien kien ghadu zewgha, u li ghalhekk ghandu jigi konsiderat bhala “att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc”. Ghalhekk f’dan is-sens, il-Qorti tal-Magistrati ghall-Gzira ta’ Ghawdex kienet korretta meta qalet illi *“Irrizulta illi d-debitu li ghamel Angelo Camilleri mas-socjeta` konvenuta kollu jirrigwarda materjal li ghandu x’jaqsam max-xoghol li dan kellu bhala bajjad u kahhal, u li huwa xtara f’diversi okkazzjonijiet matul perijodu mifrux fuq hames xhur.”*

7. Izda din il-Qorti tosserva li malli l-Ewwel Qorti kkonsiderat illi dan id-dejn jaqa’ fl-ambitu tal-Artikolu 1324, kellha tikkonsidra wkoll safejn l-attrici kienet obbligata li taghmel tajjeb ghal dan id-dejn. Tali ezami jirrikjedi bilfors referenza ghall-Artikolu 1330(b), liema disposizzjoni tipprovdi dwar meta l-beni parafernali jkunu suggetti ghad-djun tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan huwa proprju l-qofol ta’ l-aggravju ta' l-appellanti – anke jekk forsi l-aggravju seta gie redatt f’termini aktar lucidi ghal minn jaqrah! Dan kellu jigi kkonsiderat mill-ewwel Qorti ghaliex l-appellanti fil-att promotorju taghha tippremetti illi dan id-dejn m’ghandux jigi saldat minn fuq il-bejgh ta’ proprjeta parafernali ta' l-attrici kif qed jigi pretiz mis-socjeta` konvenuta permezz ta’ kawza ohra istitwita minn din is-socjeta`.

L-Artikolu 1330 jghid illi:

“*Meta l-beni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta’ dik il-komunjoni jistghu jinfurzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin:*

*Izda meta –*

*(a) id-dejn jew indennizz ikun dovut bhala rimedju civili dwar reat maghmul bir-rieda minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg; jew*

*(b) id-dejn jinholoq mill-ezercizzju ta' sengha, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324,*

*il-kredituri ma jistghux jinfurzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li ma tkunx hi li minhabba fiha nholqot it-talba, izda jistghu f'dawn il-kazijiet jinfurzaw it-talba taghhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma tithallasx mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minhabba fiha nholqot it-talba."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dawn iz-zewg Artikoli 1324 u 1330 ghandhom jinqraw flimkien, u ghalkemm kif jghid il-Artikolu 1324 l-att huwa maghmul minn parti wahda, xorta wahda dan il-att jorbot il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjugi. Izda meta mbaghad wiehed jirreferi ghal Artikolu 1330, l-legislatur specifika illi fil-kaz ta' dejn rizultanti minn att normali ta' gestjoni ta' sengha, negozju jew professjoni, il-kredituri jistghu jinfurzaw it-talba taghhom fuq il-beni parafernali tal-persuna li maghha jkunu ghamlu negozju u mhux fuq il-beni parafernali tal-parti l-ohra. Ghalhekk meta l-beni fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma jservux sabiex jithallas id-dejn gravanti, bhalma jidher li jista' jkun il-kaz in dizamina, il-kredituri jistghu biss jinfurzaw it-talba taghhom (ghal dik il-parti li ma tkunx tista' tithallas mill-beni tal-komunjoni) fuq il-beni parafernali tal-parti li maghhom huma ghamlu n-negozju – f'dan il-kaz Angelo Camilleri – u mhux l-appellanti.

8. In konluzjoni, ghalhekk, is-socjeta` konventa appellata tista' tissodisfa l-kreditu taghha fuq il-beni tal-komunjoni. Din is-socjeta` hija ulterjorment tutelata billi *subordinatament*, jekk jirrizulta li l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunux bizzejjed, iddur fuq il-beni parafernali ta' dik il-parti li tkun ghamlet in-negozju (ir-ragel, Angelo Camilleri), izda mhux fuq il-beni parafernali ta' Mary Camilleri.

**Decide**

9. Ghal dawn il-motivi, tipprovdi dwar l-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara illi l-attrici hija responsabbli in kwantu ghal sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghad-dejn li kien ghamel zewgha mas-socjeta` konvenuta, izda li hija mhix responsabbli li taghmel tajjeb ghal dan id-dejn bil-beni parafernali taghha. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kemm ta’ l-ewwel kif ukoll ta’ din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------